**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI SWIEQI**

**IS-SEBGHA KUNSILL 201**

**SEDUTA NUMRU 22**

**L-ERBGHA 25 TA' MEJJU 2016 FIL-5PM FL-UFFIĊĊJU AMINISTRATTIV TAL-KUNSILL**

**PREŻENTI:**

**Is-Sinjuri:**

| | |
|---|---|
| JUSTIN FENECH | VICI- SINDKU |
| MARY ANNE ABELA | KUNSILLIER – 7.10PM |
| ALEX CHETCUTI | KUNSILLIER – 5.10PM |
| PAUL FENECH | KUNSILLIER |
| ALFRED CURMI | KUNSILLIER |
| MAURO MICELI | KUNSILLIER |
| THERESA VALENTINO | KUNSILLIER |
| MARIO FAVA | KUNSILLIER |

**Il-Vici Sindku ppreseda din is-Seduta minhabba li s-Sinkdu kien imsiefer.**

**Il-Vici Sindku qal it-talba.**

## I RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI

Mill-Kunsillier M. Fava

1. Il-Kunsillier irrefera ghax-xoghlijiet li saru fit-tennis court ta' Triq il-Hemel u staqsa dwar meta dan se jkun jista' jibda' jintuza. Il-Vici Sindku nforma li ricentament twahhlu l-apparat eletroniku li se jkun qed jirregistra lil kull min juza dawn il-facilatjiet kif ukoll li giet ordnata x-xibka. Il-Kunsillier informa li avvicinawh xi residenti li jixtieq jkunu parti mill-Kumitat li se jitwaqqaf biex jkun responsabli miz-zamma u l-organizzazzjoni ta' dan it-tennis court. Il-Vici Sindku nforma li bhalissa qed issiru laqghat ma' dawk kollha li urew l-interess sabiex jamministrawh pero' sfortunatament dan il-process ghadu ma giex iffinalizzat.

   Il-Vici Sindku nforma li ghall-bidu, il-pubbliku ingenerali se jkun jista'jaghmel uzu minn dawn il-facilitajiet b'xejn permezz ta' booking mal-Kunsill pero' fil-futur qarib, hekk kif jitwaqqaf dan il-Kumitat, jista' jsir bil-hlas sabiex jkopru l-ispejjez tal-manutenzjoni. Il-Kunsillier M. Fava informa li ghalkemm dan ghadu jissejjah tennis-court, mhux se jkun ghall-uzu esklussiv ghall-isport ta' tennis. Il-Vici Sindku nforma li dan il-process dam ftit peress li kien hemm aktar minn persuna wahda li uriet l-interess taghhha biex tamministra dawn il-facilitajiet.

2. Rigward it-trejqa ta' Wied Ghomor, il-Kunsillier issugerixxa sabiex jekk jkun approvat minn naha ta' TM, issir stop sign fin-naha ta' isfel ta' Triq il-Qasam,sabiex il-vettur li jkunu nizlin jaghtu cans lil dawk il-vetturi li jkunu jridu jduru ghal Triq is-Swieqi. Wara diskuzzjoni, gie deciz li ghandha ssir rikjesta lil TM dwar din il-materja.

3. Huwa rrefera ghall-izvillup li kien propost f' Wied Ghomor u nforma li ma jaqbilx li jigi rrifjutat kull zvillup li jigi propost fuq zona meqjusa bhala ODZ qabel ma ssir laqgha mal-kuntrattur/applikant sabiex dan jkollu cans jispjega sew l-izvillup imressaq minnu.

4. Il-Kunsillier irrefera ghall-artiklu li gie ppublikat fil-midja lokali, fejn f'dan l-artiklu gie allegat li kemm il-Gvern Centrali kif ukoll l-Awtorita ta' l-Ippjanar mhux qed jaghtu kaz sew tal-bzonnijiet tal-lokalita tas-Swieqi fejn jidhol zvillup ta' siti ta' kostruzzjoni.

5. Huwa rrimarka li l-istess Awtorita ta' l-Ippjanar offriet li jkun hemm rapprezentant ta' dan il-Kunsill li jirraprezenta l-hsibijiet tal-Kunsill f'kull zvillup li jikkoncerna s-Swieqi fejn huwa stess offra li jirraprezenta lil dan il-Kunsill fuq bazi volontarja.

HUGH ZAMMIT NOEL MUSCAT
SEGRETARJU EŻEKUTTIV SINDKU

**I RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI – ikomplu**

Mill-Kunsillier M. Abela

1. Il-Kunsillier infurmat li hija attendiet ghall-laqgha li giet orgnaizzata mill-Malta Public Transport nhar it-Tnejn 23 ta' Mejju 2016 dwar is-sistema tat-transport pubbliku fil-granet tas-Sajf. Hija nfurmat li t-transport pubbliku li jghaddi mis-Swieqi, Pembroke u San Giljan huwa pjanat li jkun iktar spiss minhabba li jizdiedu b'ammont ikbar il-passigieri kif ukoll studenti fix-xhur tas-Sajf. Hija nfurmat ukoll li waqt din il-laqgha lil dawk prezenti li ta' spiss dan il-Kunsill qed jircievi lmenti dwar is-sewqan abbusiv li x-xufiera tat-tranport pubbliku qed jghaddu minn Triq il-Madliena. Hija giet infurmata li zewg awtrotritajiet oghla qed jisthargu fuq din il-materja.

   Hija ssugeriet sabiex jekk hu possibli jigu ppublikati l-hinijiet tat-transport pubbliku fuq l-edizzjoni li jmiss tal-magazin tal-Kunsill. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

2. Il-Kunsillier infurmat li fi Triq ix-Xiber partikularment hdejn il-bring-in-sites qed jakkmula il-hmieg minhabba li xi persuni rresponsabli qeghdin jarmu hdejhom. Ghaldasqtant hija ssugeroet sabiex jtigi nstallat CCTV Camera (dummy) kif joghla ftit filati c-cint ta' wara il-bring-in-sites.

Il-Kunsillier M. Abela talbet sabiex tigi skuzata. Il-hin kien 6.40pm.

Mill-Kunsillier A. Chetcuti

1. Il-Kunsillier irrefera ghas-sinjali mizbugha tal-kaxxi ta' parkegg fi Triq ta' l-Ibrag u fi Triq l-Istasija. Wara diskuzzjoni, gie deciz li ssir laqgha mal-kuntrattur fuq is-sit indikat sabiex tigi risolvuta din il-materja. Il-Kunsillier M. Fava rrimarka li probabilment hemm l-istess problema fi Triq l-Ghamad ukoll u ghalhekk jkun jaqbel jekk il-kuntrattur ikkoncernat jiccekjaw din it-triq ukoll. Kien hemm qbil unanimu dwar dan. Il-kunsillier A. Chetcuti ha l-inkarigu li jiddiskuti dawn ix-xoghlijiet mal-Kuntrattur Sur Jesmond Farrugia.

2. Huwa nforma li attenda ghall-laqgha li saret minn naha ta' TM, dwar il-bus lane li x'aktarax se tkun mplimentata fi Triq Sant Andrija sabiex tkun iktar effetiva. Huwa nforma li dwar din il-materja se jsiru aktar diskuzzjonijiet 'il quddiem.

3. Il-Kunsillier irrefera li qed jigi inuttat li r-residenti ta' Tulip Flats fi Triq l-Imghazel, m'humiex qed jimxu mal-granet u l-hinjiet li jinagabar l-iskart. Ghaldaqstant huwa talab sabiex issir kunttat mas-sidien ta' din il-blokka dwar din il-materja. Is- Segretarju Ezekuttiv ha l-inkarigu li jimposta informazzjoni dwar kif u meta jingabar l-iskart.

**HUGH ZAMMIT** — **NOEL MUSCAT**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV** — **SINDKU**

**I RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI – ikomplu**

Mill-Kunsillier A. Chetcuti

4. Huwa rrefera ghall-istorbju li allegatament kien qed issir minn go residenza partikular fi Triq Zejni fejn huwa rega' wissa lis-sidien ta' din il-propjeta u nfurmahomn li jekk dan l-agir ikompli mhux se jkollu triq ohra ghajr dik li jsiru kuntatti ma' l-MTA u Dipartiment tal-Licenzji.

5. Il-Kunsillier irrefera ghall-one way ta Triq St. Katerina, fejn issugerixxa sabiex issir kuntatt mal-Kunsill Lokali tal-Gharghur dwar tabelli tal-one way ezatt fejn titwessa' din it-triq. Is- Segretarju Ezekuttiv u l-Kunsillier s ejiltaqghu fuq il-poost inkwistjoni dwar din il-materja.

6. Huwa rrefera ghal triq tal-Mekkek, li din saret one-way hrug minn Ta' l-ibragg biss. Hu nforma li kellu xi talbiet minn kuntrattur li joperaw minn din it-triq fejn daqwn issugerew li s-sistema tal-one way ghandha tibda aktar' 'il fuq minn fejn tibda bhalissa b'hekk, dawn il-kuntarttur jkollhom access u hrug mill-isitbailmenti taghhom minn naha ta' San Gwann.

Mill-Kunsillier T. Valentino

1. Il-Kunsillier infurmat li railing li kellu jigi installat fit-tarag tas-sala t'isfel ghadu mhux installat. Ghaldaqstant hija staqsiet dwar meta huwa pjanat li jsir. Is- Segretarju Ezekuttiv informa li se jerga' jaghmel kuntatt mal-kuntrattur ikkoncernat.

2. Hija infurmat li ta' spiss tircievi lmenti mir-residenti li public toilets li hemm fil-gnien ta' Centru Civiku jkunu mahmugin u ghalhekk ma jkunux jistghu jintuzaw minhabba nuqqas ta' igene. Is- Segretarju Ezekuttiv nfomra li se jerga' jaghmel kuntatt mad-Direttorat tat-tindif pubbliku peress li huma responsabli mit-tindif u l-manutenzjoni ta' dawn il-public toilets. Wara diskuzzjoni, gie deciz wkoll sabiex il-handyman il-gdid li se jinghata l-kuntratt ta' dan is-servizz, jibda' jnaddafhom kull filghodu u meta mehtieg. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

3. Il-Kunsillier infurmat li diversi persuni gibdulha l-attenzjoni li jinhass il-bzonn li jigu allokati aktar sinjali ta' direzzjoni sabiex wiehed jkun jista' jasal sa hdejn l-ufficni tal-Kunsill. Ghaldaqstant hija pproponiet sabiex dawn is-sinjali ta' direzzjoni jigu nstallati hdejn il-Forex Ironmongery fi Triq il-Qasam, fi Triq is-Swieqi u mill-Wied Ghomor. Is- Segretarju Ezekuttiv nforma li se jaghmel kuntatt mal-kuntrattur ikkoncernat.

HUGH ZAMMIT
SEGRETARJU EŻEKUTTIV

NOEL MUSCAT
SINDKU

**I RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI – ikomplu**

Mill-Kunsillier T. Valentino – tkompli

4. Hija staqsiet jekk kienx hemm xi zvilluppi godda minn ghand il-Perit tal-Kunsill rigward il-blat li hemm fi Triq ix-Xiber kantuniera ma' Triq il-Qawsalla. Is-Segretraju Ezekuttiv nforma li se ssir laqgha mal-Perit fuq il-post. Hija talbet sabiex tkun prezenti ghal din il-laqgha.

5. Hija rreferiet ghall-applikazzjonijiet ta' zvillupi godda fil-lokalita' fejn il-Kunsill qed jinnota li f'certu applikazzjoni, l-istess linji gwida u regoli ta' l-Awtroita' ta' l-Ippjanar m'humiex jigu segwiti u ghalhekk huwa ferm importatnti li l-Kunsill jkompli jsostni dan f'kull ogezzjoni li ssir.

6. Hija regghet irreferiet ghall-kostruzzjoni ta' pasagg xieraq ghall-min jkun ghaddej bil-miexi minn Triq is-Swieqi ghal San Giljan (taht il-mini). Dan minhabba fil-periklu kbir ghal min jkun ghaddej bil-miexi li bhalissa jimxi fit-triq ma' l-istess vetturi. Wara diskuzzjoni dwar din il-materja, gie issugeriet li jsiru laqghat mas-Sindku ta' San Giljan.

Mill-Kunsillier A. Curmi

1. Il-Kunillier irrefera ghar-rapport finanzjajru ghal l-ewwel kwart tas-sena (Jannar sa Marzu 2016). Is- Segretarju Ezekuttiv pprezenta dan ir-rapoort li gie mibghut minn qabel lil kull kunsillier permezz ta' email. Wara diskuzzjoni, gie deciz b'mod unanimu, li dan l-istess rapport jkun approvat.

2. Huwa rrefera ghall-artiklu li kull kunsillier kien mitlub sabiex jipprepara u jibghat halli jigi vverfikat u ppublikat fuq l-edizzjoni li jmiss tal-magazine ufficjali tal-Kunsill. Il-Kunsillier informa sabiex dawk li ghandhom ma ghamlux dan, ghandhom b'mod imedjat jibghatu dan l-artiklu.

3. B'referenza ghal dawk persuni li jghaddu bil-miexi minn taht il-mini zghar fi Triq is-Swieqi, huwa ssugerixxa sabiex jekk hu possibli il-gnub taghhom fuq iz-zewg nahat jinghata tarmak ahmar skur sabiex jindika b'mod car li dak hu l-passag ta' fejn jghaddu biss persuni bil-miexi. Is- Segretarju Ezekuittiv informa li se jiddiksuti din il-possibilta' mal-kuntarttur il-gdid ta' manutenzjoni tat-toroq u l-bankini.

**HUGH ZAMMIT**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV**

**NOEL MUSCAT**
**SINDKU**

**I RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI – ikomplu**

Mill-Kunsillier A. Curmi- ikompli

4. Huwa rrefera ghall-u bars fi Triq il-Marbat, huwa sostna li dawn qeghdin installati wisq ‘il barra b’ konsegwenza li xi residenti qed jahbtu il-bieba tal-vettura maghhom. Is- Segretarju Ezekuttiv nforma li se jaghmel kuntatt mal-kuntrattur sabiex jistaqsi dwar il-possibilta’ li dawn jersqu aktar lejn l-ghalqa.

5. Il-Kunsillier staqsa jekk kienx hemm xi zvilluppi rigward l-ingagg ta’ wahda mill-iskrivani fis-skala 11 hekk kif kien msemmi fis-Seduti precidenti. Is- Segretarju Ezekuttiv informa li hekk kif is-Sindku jirritorna lura mis-safar, se jiddiskuti mieghu d-data ta’ meta ghandhom jsiru l-interviews lil dawk li applikaw.

6. Il-Kunsillier ipprezenta rapport idettaljat ta’ xi xoghlijiet li gew diskussi. Dan ir-rapport se jkun aness ma’ dawn il-minuti bhal App. A.

Il-Kunsillier A. Curmi talab sabiex jigi skuzat. Il-hin kien 7.05pm.

Mill-Kunsillier M. Miceli

1. Il-Kunsillier informa li wara li spezzjona u qabad l-apparat kollu tas-sistema tas-sound li l-Kunsill xtara, huwa jista’ jassigura li dan jista’ jintuza ghal kull tip ta’ *talks* li jistghu jigu organizzati fis-sala tal-Kunsill. Is- Segretarju Ezekuttiv irringrazzja lil dan il-Kunsillier tal-hin li offra sabiex tiffunzjona sew din is-sistema.

2. Huwa nforma li skond l-ahhar regolarmenti, f’kull post tax-xoghol irrid jkun hemm minn ta’ l-inqas wiehed mill-haddiema li ghandhom kors baziku ta’ l-ewwel ghajnuna. Ghaldaqstant huwa staqsa jekk il-haddiema ta’ dan il-Kunsill ghandhomx dan il-kors u f’kaz li m’ghandhomx jkun jaqbel jekk jinghataw dan il-kors. Is- Segretarju Ezekuttiv ha l-inkarigu li jaghmel il-kuntatti neccessarji u wara jghaddihom lill-Kunsillier ghas-suggerimenti tieghu.

3. Il-Kunsillier informa li f’dawn l-ahhar jien inotta li fid-dahla ta’ garage partikulari fi Triq FX Ebejer qed jakkumula hafna skart u barra milli qed jaghti dehra kerha liz-zona, dan jista jikkawza xi accident. Huwa talab sabiex jsir rapport lill-Pulizija sabiex dawn jkunu jistghu javzaw lis-sidien. Is- Segretarju Ezekuttiv ha l-inakirgi jirraprta din il-materja lill-Pulizija tal-lokal.

**HUGH ZAMMIT** — **NOEL MUSCAT**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV** — **SINDKU**

## I RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI – ikomplu

Mill-Kunsillier M. Miceli – ikompli

4. Rigward il-one way li giet implimentata fil-bicca ta' fuq ta' Triq it-Tiben, il-Kunsillier issugerixxa sabiex jekk jkun permess minn naha ta' TM, it-tabelli li hemm installati jitilghu ftit aktar 'il fuq wara l-entratura tal-pompa tal-petrol sabiex ir-residenti li jkunu tilghin minn Triq it-Tiben jkunu jistghu wkoll jaccessaw din il-pompa minn naha ta' wara. Wara diskuzzjoni, gie deciz li qabel ma ssir din it-talba lit-TM, din il-materja ghandha tigi diskussa mas-sidien tal-pompa tal-petrol. Wara din id-diskuzzjoni, ghanda talba formali lit-TM dwar din il-materja.

5. Il-Kunsillier issugerixxa li tigi nstallata CCTV Camera bhal m'hemm fi Triq ta' L-ibrag, fi Triq il-Qasam kantuniera ma ' Triq Sant Andrija peress li ta' kuljum, xi sewwieqa rresponsabli qeghdin jieqfu ezatt fil-kantuniera jew fi triq arterjali sabiex jinzlu jixtru mill-hwienet li hemm fil-vicinanza. Minhabba dan l-agir, qed tigi ikawzata kongestjoni kbira peress li l-vetturi li jkun hergin minn Triq il-Qasam ghal Triq St. Andrija mhux qed jkunu jistghu jaghmlu dan minghajr periklu zejjed.

   Rigward din il-materja, il-Kunsillier A. Chetcuti nforma li se jkun qieghed jinforma lill-Pulizija matul il-laqgha li hija skedata ghal 20 ta' Gunju 2016.

## II KOMMUNIKAZZJONI MIS-SEGRETARJU EZEKUTTIV

1. SLC/T/O1/2016 – Embellishment /Upgrading of FX Ebejer Garden, Swieqi into a totalsensory garden utilising environmentally friendly construction material & products

B' referenza ghal din is-sejha ta' l-offerti li ghalqet nhar it-Tnejn 2 ta' Mejju 2016 u li ghaliha giet sottometta offerta wahda biss hekk kif jidher hawn taht:

| No | Tenderer | Price € | Remarks |
|---|---|---|---|
| 1 | John Micallef | 110,326.76 | |
| | | | |

Il-Perit tal-Kunsill flimkien mal-Membri tal-Bord ta' l-aggidukazzjoni irrakomandaw li dan il-kuntratt ghandu jinghata lis-Sur John Micallef minhabba li l-offerta' tieghu hija wahda vantaggjuza u hija skond ir-rikjesti li talab il-Kunsill. Il-Vici Sindku ppropona u l-Kunsillier P. Fenech issekonda. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

HUGH ZAMMIT
SEGRETARJU EŻEKUTTIV

NOEL MUSCAT
SINDKU

**II KOMMUNIKAZZJONI MIS-SEGRETARJU EZEKUTTIV**

2. Tender Ref: SLC/T/O5/2016 – Tender for Major Patching works, using environmentally sound construction methods and materials in Swieqi

B' referenza ghal din is-sejha ta' l-offerti li ghalqek nhar it-Tnejn 9 ta' Mejju 2016 u li ghaliha giet sottometti zewg offerti hekk kif jidher hawn taht:

| No | Tenderer | Price € |
|---|---|---|
| 1 | Road Services Ltd. | BOQs attached |
| 2 | Raymond Calleja | BOQs attached |
| | | |

Il-Bord ta'l- Aggidukazzjoni flimkien mal-Perit tal-Kunsill innutaw li sfortunatament l-irhas offerta li giet sottometta mill-kuntrattur Raymond Calleja, m'hemmx l-informazzjoni kollha rikjesta ghalkemm l-informazzjoni li hemm nieqsa mhix ta' importanza ghax-xoghlijiet ta' dan il-kuntratt. Fil-waqt li l-offerta l-ohra, hija wisq ghalja, sabiex il-Kunsill jkun jista' jhallas l-aktar issa fil-qaghda finanzjarja li jinsab fiha l-Kunsill.

Sar qbil biex dan il-kaz jigi riferit lid-Dipartment tal-Kuntartti ghall-parir taghhom.

Din il-laqgha spiccat fit-8.00pm u wara diskuzzjoni giet deciz b' mod unanimu li s-Seduta li jmiss ssir nhar is-16 ta' Gunju 2016 fil-5pm. Kien hemm qbil unanimu minn dawk prezenti.

**HUGH ZAMMIT** **NOEL MUSCAT**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV** **SINDKU**